II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Marzu 2012

dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, u li jistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali relatati miegħu

(2012/243/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), l-Artikolu 218(7) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooerpazzjoni msaħħa (il-Memorandum ta' Kooperazzjoni) f'konformità mal-mandat adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati;

(2) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni kien iffirmat f'isem l-Unjoni fl-4 ta' Mejju 2011 u ilu jiġi applikat proviżorjament minn dik id-data, soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data iktar il quddiem;

(3) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni għandu jkun konkluż f'isem l-Unjoni;

(4) Jeħtieġ li jiġu stipulati arranġamenti proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Memorandum ta' Kooperazzjoni, ir-riżoluzzjoni ta' tilwim, l-adozzjoni ta' Annessi addizzjonali, kif ukoll l-emendar ta' Annessi għall-Memorandum.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooerpazzjoni msaħħa huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([1]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jagħżel il-persuna(i) mogħtija s-setgħa biex jagħmlu n-notifika kif previst fl-Artikolu 9.2 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 3

Il-Kunsill għandu jiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 7.1 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni (il-"Kumitat Konġunt") fir-rigward tal-adozzjoni tal-Annessi għall-Memorandum il-ġodda u l-emendi għalih, kif imsemmi fil-punt c tal-Artikolu 7.3 tal-Memorandum.

Artikolu 4

(1) Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill u tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tiegħu, għandha tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tad-deċiżjonijiet imsemmijin fil-punti a, b u c tal-Artikolu 7.3 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti tal-ħidma, u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti d u e tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

(2) Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Speċjali msemmi fil-paragrafu 1, tista' tieħu kwalunkwe azzjoni adatta skont l-Artikoli 4 u 5 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

(3) L-Unjoni għandha tkun rappreżentata fil-Kumitat Konġunt mill-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

([1]) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni ġie ppubblikat fil-ĠU L 232, 9.9.2011, p. 2 flimkien mad-deċiżjoni dwar il-firma.

(4) Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni f'konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 8 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BØDSKOV